Nru./No. 19,777
Prezz/Price
€2.52

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 12 ta' Mejju, 2017
Friday, 12th May, 2017

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 4045 - 4057
Government Notices ..... *4045 - 4057*

Avviżi tal-Pulizija ..... 4057 - 4060
Police Notices ..... *4057 - 4060*

Avviżi lill-Baħħara ..... 4060 - 4062
Notices to Mariners ..... *4060 - 4062*

Avviżi tal-Gvern ..... 4062 - 4065
Notices ..... *4062 - 4065*

Offerti ..... 4065 - 4077
Tenders ..... *4065 - 4077*

Avviżi tal-Qorti ..... 4077 - 4096
Court Notices ..... *4077 - 4096*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 507

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

Nomina ta' Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (5) tal-Artikolu 4 tal-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar (Kap. 380) tal-Liġijiet ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, ħatret lill-Av. Michaela Spiteri, LLD, bħala Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar għal perjodu ta' ħames (5) snin b'seħħ mis-27 ta' Marzu, 2017.

Id-9 ta' Mejju, 2017
(MJ/1/1993/III/49)

Nru. 508

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU (ENERĠIJA U PROĠETTI) MINISTERU TAL- FINANZI

Skema għall-Unitajiet Residenzjali biex Jipparteċipaw f'Sistemi ta' *Farm* ta' Pannelli Fotovoltajċi Komunali 2017

BIEX tkompli tħajjar l-użu ta' sorsi ta' enerġija alternattiva, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi għamlu l-iskema li ġejja bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni tal-pubbliku biex jibbenefikaw minn sistemi fotovoltajiċi (tax-xemx).

Din l-iskema qed tiġi imġedda għall-ammont ta' 59 kWp virtwali. L-ammont allokat huwa r-riżultat ta' bilanċ li ma tteħidx mill-iskema tal-2016 maħruġa taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1110 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Ottubru, 2016 u kif emendat bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 114 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Frar, 2017. L-applikazzjonijiet se jkunu pproċessati u eventwalment aċċetati skont l-ordni ta' kif jiġu sottomessi għand l-Aġenzija, sakemm il-kwota massima ta' 59kWp tintlaħaq.

Il-kundizzjonijiet u klawsoli tal-iskema stabbilita taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1110 għandhom japplikaw mutatis mutandis għal din l-iskema sakemm dawk il-

GOVERNMENT NOTICES

No. 507

MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

Appointment of Adjudicator on the Small Claims Tribunal

IT is notified for general information that in terms of sub-articles (2) and (5) of article 4 of the Small Claims Tribunal Act (Cap. 380) of the Laws of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister has appointed Dr Michaela Spiteri, LLD, as Adjudicator on the Small Claims Tribunal for a period of five (5) years with effect from the 27th March, 2017.

9th May, 2017

No. 508

OFFICE OF THE PRIME MINISTER (ENERGY AND PROJECTS) MINISTRY OF FINANCE

Scheme for Residential Households to Participate in Communal Photovoltaic Farm Systems 2017

IN ORDER to further encourage the use of alternative sources of energy, the Prime Minister and the Minister of Finance have made the following Scheme that aims to increase the participation of the public in benefitting from solar photovoltaic systems.

This scheme is being renewed for the amount of virtual 59KWp. The amount allocated is in view of freed-up balance from the 2016 Scheme under Government Notice No.1110 published in the Government Gazette dated 11th October, 2016 and as amended by Government Notice No. 114 published in the Government Gazette dated 2nd February, 2017. Applications shall be processed and eventually accepted according to their order of receipt by the Agency, until the quota for maximum amount of virtual 59kWp has been reached.

The conditions and the clauses of the scheme established under Government Notice No. 1110 shall mutatis mutandis apply to this scheme, insofar as such conditions and clauses

kundizzjonijiet u klawsoli jkunu konsistenti mal-Iskema stabbilita taħt dan l-Avviż.

Id-data effettiva ta' din l- iskema hija l-15 ta' Mejju, 2017.

It-12 ta' Mejju, 2017

Nru. 509

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġobha tapprova l-għotja tal-Kummissjoni fir-*rank* ta' *Second Lieutenant* fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari), lil dawn imsemmija hawn taħt b'seħħ mid-data li tidher ħdejn isimhom.

Off/Cdt 16081 Gelfo Kayleigh	18 ta' April, 2017
Off/Cdt 87353 Galea Jessica	18 ta' April, 2017
Off/Cdt 87377 Gutiza Maria	18 ta' April, 2017
Off/Cdt16082 Pirotta Lindsey	18 ta' April, 2017
Off/Cdt 16083 Dimech Rick	18 ta' April, 2017
Off/Cdt 16085 Mifsud Christian	18 ta' April, 2017
Off/Cdt 16086 Xuereb Keith	18 ta' April, 2017
Off/Cdt 16087 Zammit Mariah	18 ta' April, 2017
Off/Cdt 87498 Gomez Blanco Clayton	9 ta' Mejju, 2017

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern qed tħassar in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 493 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,774 tad-9 ta' Mejju, 2017.

It-12 ta' Mejju, 2017

Nru. 510

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

Bis-saħħa tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata is-6 ta' Mejju, 1964, mogħtija mill-Qorti tal-Minorenni f'Balham, Methodist Hall Brixton, l-Ingilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan a termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Owen Bonnici
Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

It-12 ta' Mejju, 2017

are consistent with the scheme established under this Notice.

The effective date of this scheme shall be 15th May, 2017.

12th May, 2017

No. 509

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the grant of a Commission in the rank of Second Lieutenant in the Armed Forces of Malta (Regular Force) of the under mentioned with effect from the date shown against their names.

Off/Cdt 16081 Gelfo Kayleigh	18th April, 2017
Off/Cdt 87353 Galea Jessica	18th April, 2017
Off/Cdt 87377 Gutiza Maria	18th April, 2017
Off/Cdt16082 Pirotta Lindsey	18th April, 2017
Off/Cdt 16083 Dimech Rick	18th April, 2017
Off/Cdt 16085 Mifsud Christian	18th April, 2017
Off/Cdt 16086 Xuereb Keith	18th April, 2017
Off/Cdt 16087 Zammit Mariah	18th April, 2017
Off/Cdt 87498 Gomez Blanco Clayton	9th May, 2017

This Government Notice supersedes Government Notice No. 493 published in Government Gazette No. 19,774 of the 9th May, 2017.

12th May, 2017

No. 510

ORDER BY THE MINISTER FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

In exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice, Culture and Local Government has made this Order whereby the Adoption Order dated 6th May, 1964, issued by the Balham Juvenile Court, Methodist Hall Brixton, England, is being specified as an intercountry adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Owen Bonnici
Minister for Justice, Culture and Local Government

12th May, 2017

Nru. 511

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (*STANDARDS* GĦALL-ĦARSIEN SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Rita Calleja	Direttur *Director*	Standards għall-Ħarsien Soċjali *Social Welfare Standards*	16.5.2017 - 18.5.2017

It-12 ta' Mejju, 2017

No. 511

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (SOCIAL WELFARE STANDARDS)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity has approved the following acting appointment:

12th May, 2017

Nru. 512

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR GVERN LOKALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sur Silvio Frendo	Aġent Direttur *Acting Director*	Gvern Lokali *Local Government*	10th - 12th May, 2017

It-12 ta' Mejju, 2017

No. 512

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR LOCAL GOVERNMENT

THE Permanent Secretary within the Ministry for Justice, Culture and Local Government has approved the following acting appointment:

12th May, 2017

Nru. 513

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI/ REĠISTRATUR QRATI TA' GĦAWDEX U TRIBUNALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Maria Dolores Fenech	Aġent Direttur Ġenerali/Reġistratur Qrati ta' Għawdex u Tribunali *Acting Director General/Registrar Gozo Courts and Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	11.5.2017 and 15-16.5.2017, both days inclusive

It-12 ta' Mejju, 2017

No. 513

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL/REGISTRAR GOZO COURTS AND TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice, Culture and Local Government has approved the following acting appointment:

12th May, 2017

Nru. 514

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)

Avviż li hemm il-Ħsieb li Titoli ta' Art Jiġu Rreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' proprjetà 22001515	Plumpton Cynthia		350/17 Gozo
Għajnsielem	*Correction of property 22001515*	*Plumpton Cynthia*		
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' LRA 898/98	Dominican Sisters		376/17 Gozo
Għajnsielem	*Correction of LRA898/98*	*Dominician Sisters*		
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' proprjetà 22000915	Spiteri Loreto et		381/17 Gozo
Għajnsielem	*Correction of property 22000915*	*Spiteri Loreto et*		
Ta' Kerċem	Fond fi Triq Għajn Tuta u in parti *part transfer* ta' proprjetà 30003391	Parnis Ronald et		266/17 Gozo
Ta' Kerċem	*Premises in Triq Għajn Tuta and in part part transfer of property 30003391*	*Parnis Ronald et*		
Ta' Kerċem	1/3 indiviż ta' art 'Ta' Berrini' tal-kejl ta' 208m.k.	Spiteri Claudio et		285/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/3 undivided share of land 'Ta' Berrini' covering an area of 208s.m.*	*Spiteri Claudio et*		
Ta' Kerċem	Utile Dominju tal-fond nru. 7 u 8 fi Triq Kerċem	Grima Mary Anne		304/17 Gozo
Ta' Kerċem	*Utile Dominium of premises no. 7 and 8 in Triq Kerċem*	*Grima Mary Anne*		
Ta' Kerċem	Dirett Dominju tal-fond nru. 7 u 8 fi Triq Kerċem	Grima Mary Anne		305/17 Gozo
Ta' Kerċem	*Direct Dominium of premises no. 7 and 8 in Triq Kerċem*	*Grima Mary Anne*		
Ta' Kerċem	Il-Kamra nru. 9 fi Triq Kerċem	Xerri John et		306/17 Gozo
Ta' Kerċem	*Room no. 9 in Triq Kerċem*	*Xerri John et*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż tal-fond nru. 3, 4 and 5 fi Triq l-Avukat Anton Calleja	Micallef Margaret		313/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of premises no. 3, 4, and 5 in Triq l-Avukat Anton Calleja*	*Micallef Margaret*		

No. 514

LAND REGISTRATION ACT

(CAP. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Seba' Irgiel' sive 'Ta' Boroż' tal-kejl ta' 1311.5m.k.	Micallef Margaret		314/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 unidivded share of land 'Ta' Seba' Irgiel' sive 'Ta' Boroż' covering an area of 1311.5s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Xejriet' sive 'Ta' Ħabel Lazz' tal-kejl ta' 729.3m.k.	Micallef Margaret		315/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Xejriet' sive 'Ta' Ħabel Lazz' covering an area of 729.3s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Tal-Ħelu' sive 'Ta' Ħabel Lazz' tal-kejl ta' 11,991.5m.k.	Micallef Margaret		316/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Tal-Ħelu' sive 'Ta' Ħabel Lazz' covering an area of11,991.5s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Furketta' sive 'Tat-Tafal' tal-kejl ta' 2,754.1m.k.	Micallef Margaret		317/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Furketta' sive 'Tat-Tafal' covering an area of 2,754.1s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Masika' sive 'Ta' Riefnu' tal-kejl ta' 3,299.9m.k.	Micallef Margaret		318/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Masika' sive 'Ta' Riefnu' covering an area of 3,299.9s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Masika' sive 'Ta' Riefnu' tal-kejl ta' 2,064.6m.k.	Micallef Margaret		319/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Masika' sive 'Ta' Riefnu' covering an area of 2,064.6s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Qriemeċ' sive 'Ta' Villija' tal-kejl ta' 62.2m.k.	Micallef Margaret		320/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Qriemeċ' sive 'Ta' Villija' covering an area of 62.2s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Tal-Ġebel' sive 'Ta' Ġebel San Ġorġ' tal-kejl ta' 540.5m.k.	Micallef Margaret		321/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Tal-Ġebel' sive 'Ta' Ġebel San Ġorġ' covering an area of 540.5s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Ċnus' tal-kejl ta' 4271.7m.k.	Micallef Margaret		322/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Ċnus' covering an area of 4271.7s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Tal-Kanalijiet' tal-kejl 4,252.9m.k.	Micallef Margaret		325/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Tal-Kanalijiet' covering 4,252.9s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Ganton' sive 'Ta' Tutiet' tal-kejl ta' 616.1m.k.	Micallef Margaret		326/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Ganton' sive 'Ta' Tutiet' covering an area of 616.1s.m.*	*Micallef Margaret*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Ganton' sive 'Ta' Tutiet' tal-kejl ta' 1048.4m.k.	Micallef Margaret		327/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Ganton' sive 'Ta' Tutiet' covering an area of 1048.4s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Sqaq Xirfi' tal-kejl ta' 7608m.k.	Micallef Margaret		328/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Sqaq Xirfi' covering an area of 7608s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Tat-Tafal' tal-kejl ta' 6045m.k.	Micallef Margaret		329/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Tat-Tafal' covering an area of 6045s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż art 'Ta' Klula' tal-kejl ta' 1471.23m.k.	Micallef Margaret		330/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Klula' covering an area of 1471.23s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Taljana' tal-kejl ta' 1666.95m.k.	Micallef Margaret		331/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Taljana' covering an area of 1666.95s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Tax-Xagħri' tal-kejl ta' 652m.k.	Micallef Margaret		332/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Tax-Xagħri' covering an area of 652m.k.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Rumana' sive 'Ta' Wistin il-Fargħun' tal-kejl ta' 825.5m.k.	Micallef Margaret		333/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Rumana' sive 'Ta' Wistin il-Fargħun' covering an area of 825.5s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Wied Sansun' tal-kejl ta' 5,240.6m.k.	Micallef Margaret		337/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/27 undivided share of land 'Ta' Wied Sansun' covering an area of 5,240.6s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/36 indiviż ta' art 'Tal-Ġebel' tal-kejl ta' 562m.k.	Micallef Margaret		339/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/36 undivided share of land 'Tal-Ġebel' covering an area of 562s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/36 indiviż ta' art 'Tat-Tafal' tal-kejl ta' 468m.k.	Micallef Margaret		340/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/36 undivided share of land 'Tat-Tafal' covering an area of 468s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/45 indiviż ta' art 'Tal-Ġebel' tal-kejl ta' 562m.k.	Micallef Margaret		342/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/45 undivided share of land 'Tal-Ġebel' covering an area of 562s.m.*	*Micallef Margaret*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ta' Kerċem	1/45 indiviż ta' art 'Ta' Taljana' tal-kejl ta' 374m.k.	Micallef Margaret		343/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/45 undivided share of land 'Ta' Taljana' covering an area of 374s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/45 indiviż ta' art 'Ta' Qgiega' tal-kejl ta' 527m.k.	Micallef Margaret		344/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/45 undivided share of land 'Ta' Qgiega' covering an area of 527s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	Art 'Tal-Ġebel' tal-kejl ta' 562m.k.	Micallef Margaret		345/17 Gozo
Ta' Kerċem	*Land 'Tal-Ġebel' covering an area of 562s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	1/6 indiviż ta' art 'Tal-Ġebel' tal-kejl ta' 562m.k.	Micallef Margaret		346/17 Gozo
Ta' Kerċem	*1/6 undivided share of land 'Tal-Ġebel covering an area of 562s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Kerċem	Art 'Ta' Taqsis' sive 'Ħabel il-Lazz' tal-kejl ta' 9,137m.k.	Gvern ta' Malta		377/17 Gozo
Ta' Kerċem	*Land 'Ta' Taqsis' sive 'Ħabel il-Lazz' covering an area of 9,137s.m.*	*Government of Malta*		
Ta' Kerċem	Is-Sniet tal-Għasfur tal-kejl ta' 4029m.k.	Sant Cassia Paul et		407/17 Gozo
Ta' Kerċem	*Is-Sniet tal-Għasfur covering an area of 4029s.m.*	*Sant Cassia Paul et*		
Ta' Kerċem	Ta' Fuq is-Sarg tal-kejl ta' 6745m.k.	Sant Cassia Paul et		408/17 Gozo
Ta' Kerċem	*Ta' Fuq is-Sarg covering an area of 6745s.m.*	*Sant Cassia Paul et*		
Il-Munxar	Korrezzjoni ta' proprjetà 42000607	Bestle Max et		295/17 Gozo
Il-Munxar	*Correzzjoni ta' proprjetà 42000607*	*Bestle Max et*		
Il-Munxar	Korrezzjoni ta' proprjetà 42000608	Bigeni Carmel et		296/17 Gozo
Il-Munxar	*Correction of property 42000608*	*Bigeni Carmel et*		
Il-Munxar	Korrezzjoni ta' proprjetà 42000606	Bigeni Paul Renato		297/17 Gozo
Il-Munxar	*Correction of property 42000606*	*Bigeni Paul Renato*		
Il-Munxar	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Qsajjem' tal-kejl ta' 1833m.k.	Micallef Margaret		334/17 Gozo
Il-Munxar	*1/27 undivided share of land 'Ta' Qsajjem' tal-kejl ta' 1833s.m.*	*Micallef Margaret*		
Il-Munxar	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Żika' tal-kejl ta' 1601m.k.	Micallef Margaret		335/17 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Il-Munxar	*1/27 undivided share of land 'Ta' Żika' covering an area of 1601s.m.*	*Micallef Margaret*		
Il-Munxar	1/27 indiviż ta' art 'Ta' Żika' tal-kejl ta' 4,245m.k.	Micallef Margaret		336/17 Gozo
Il-Munxar	*1/27 undivided share of land 'Ta' Zika' covering an area of 4,245s.m.*	*Micallef Margaret*		
Il-Munxar	1/9 u 1/36 u 1/45 u 1/6 ta' 1/14 u 1/27 ta' ½ indiviż ta' art fi Triq l-Għar ta' Karolina, ix-Xlendi, tal-kejl ta' 34.31m.k.	Micallef Margaret		338/17 Gozo
Il-Munxar	*1/9 and 1/36 and 1/45 and 1/6 of 1/14 and 1/27 of ½ undivided share of land in Triq l-Għar ta' Karolina, Xlendi, covering an area of 34.31s.m.*	*Micallef Margaret*		
In-Nadur	Korrezzjoni ta' proprjetà 43002550	Pace Jezabelle Rose et		264/17 Gozo
In-Nadur	*Correction of property 43002550*	*Pace Jezabelle Rose et*		
In-Nadur	Korrezzjoni ta' proprjetà 43002073	Xuereb John et		268/17 Gozo
In-Nadur	*Correction of property 43002073*	*Xuereb John et*		
In-Nadur	½ indiviż miż-żewġt ikmamar mingħajr l-arja tagħhom fi Sqaq San Ġakbu li jinfed fi Triq San Ġakbu	Xuereb Ganni et		269/17 Gozo
In-Nadur	*½ undivided share of two rooms without airspace in San Ġakbu Alley which comes in Triq San Ġakbu*	*Xuereb Ganni et*		
In-Nadur	Korrezzjoni ta' LRA 76/10	Xuereb Josephine et		272/17 Gozo
In-Nadur	*Correction of LRA 76/10*	*Xuereb Josephine et*		
In-Nadur	Withdrawal of LRA 917/01	Portelli Salvatore et		289/17 Gozo
In-Nadur	*Withdrawal of LRA 917/01*	*Portelli Salvatore er*		
In-Nadur	Withdrawal of LRA 693/98	Portelli Salvatore et		290/17 Gozo
In-Nadur	*Withdrawal of LRA 693/98*	*Portelli Salvatore er*		
In-Nadur	Withdrawal of LRA 201/01	Portelli Salvatore et		291/17 Gozo
In-Nadur	*Withdrawal of LRA 201/01*	*Portelli Salvatore er*		
In-Nadur	Withdrawal of LRA 1488/12	Kohnan Mary Ann et		292/17 Gozo
In-Nadur	*Withdrawal of LRA 1488/12*	*Kohnan Mary Ann et*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
In-Nadur	Art 'Ta' Maxokk' fi Triq San Ġakbu tal-kejl ta' 145m.k.	Buttigieg Michael et		293/17 Gozo
In-Nadur	*Land 'Ta' Maxokk' in Triq San Ġakbu covering an area of 145s.m.*	*Buttigieg Michael et*		
In-Nadur	Korrezzjoni ta' proprjetà 43000053	Mifsud Linda et		367/17 Gozo
In-Nadur	*Correction of property 43000053*	*Mifsud Linda et*		
In-Nadur	½ indiviż mid-dar nru. 18 fi Triq il-Madonna ta' Lourdes	Farrugia Maria et		368/17 Gozo
In-Nadur	*½ undivided share of house no. 18 in Triq il-Madonna ta' Lourdes*	*Farrugia Maria et*		
In-Nadur	Art fi Triq il-Madonna ta' Lourdes tal-kejl ta' 218m.k.	Camilleri Rita et		373/17 Gozo
In-Nadur	*Art fi Triq il-Madonna ta' Lourdes tal-kejl ta' 218m.k.*	*Camilleri Rita et*		
In-Nadur	L-arja direttament soprastanti s-Substation, fi Triq il-Madonna ta' Lourdes tal-kejl ta' 40m.k.	Karkanja Development Limited		375/17 Gozo
In-Nadur	*Airspace overlying the substation in Triq il-Madonna ta' Lourdes covering an area of 40s.m.*	*Karkanja Development Limited*		
In-Nadur	Korrezzjoni ta' LRA 427/06	Muscat John et		395/17 Gozo
In-Nadur	*Correction of LRA 427/06*	*Muscat John et*		
In-Nadur	Art Ta' Ix-Xagħra ta' Barbra u in parti *part transfer* of LRA 427/06	Muscat Andrew		396/17 Gozo
In-Nadur	*Land Ta'Ix-Xagħra ta' Barbra and in part part transfer of LRA 427/06*	*Muscat Andrew*		
In-Nadur	Buskett Ta' Ġnien Musfar, Triq il-Buskett, tal-kejl ta' 37,975m.k.	Sant Cassia Paul et		406/17 Gozo
In-Nadur	*Buskett Ta' Ġnien Musfar, Triq il-Buskett, covering an area of 37,975s.m.*	*Sant Cassia Paul et*		
Il-Qala	Art 'Tal-Klin' sive 'Ta' Fażola' tal-kejl ta' 268m.k.	Portelli Mary Rose		370/17 Gozo
Il-Qala	*Land 'Tal-Klin' sive 'Ta' Fażola' covering an area of 268s.m.*	*Portelli Mary Rose*		
Il-Qala	Art 'Tan-Nemus' sive 'Tal-Qortin' tal-kejl ta' 960m.k.	Portelli Mary Rose et		371/17 Gozo
Il-Qala	*Land 'Tan-Nemus' sive 'Tal-Qortin' covering an area of 960s.m.*	*Portelli Mary Rose et*		
Il-Qala	Art 'Taż-Żebbuġa' tal-kejl ta' 350m.k.	Portelli Mary Rose et		372/17 Gozo
Il-Qala	*Land 'Taż-Żebbuġa' covering an area of 350s.m.*	*Portelli Mary Rose et*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ir-Rabat, Għawdex	Art tal-Grazia, Triq il-Kapuċċini, tal-kejl ta' 16010m.k.	Gvern ta' Malta		260/17 Gozo
Ir-Rabat, Għawdex	*Land tal-Grazia, Triq il-Kapuċċini, covering an area of 16020s.m.*	*Government of Malta*		
Ir-Rabat, Għawdex	Art tal-Grazia, Triq il-Kapuċċini tal-kejl ta' 11743m.k.	Gvern ta' Malta		261/17 Gozo
Ir-Rabat, Għawdex	*Land tal-Grazia, Triq il-Kapuċċini covering an area of 11743s.m.*	*Government of Malta*		
Ir-Rabat, Għawdex	Art tal-Grazia, Triq il-Kapuċċini tal-kejl ta' 1015m.k.	Gvern ta' Malta		262/17 Gozo
Ir-Rabat, Għawdex	*Land tal-Grazia, Triq il-Kapuċċini covering an area of 1015s.m.*	*Government of Malta*		
Ir-Rabat, Għawdex	Art Ta' Pantu u in parti *transmission* ta' LRA 1355/09	Spiteri Claudio et		286/17 Gozo
Ir-Rabat, Għawdex	*Land Ta' Pantu and in part transmission of LRA 1355/09*	*Spiteri Claudio et*		
Ir-Rabat, Għawdex	1/36 indiviż ta' art 'Ta' Xkora' fi Triq Qasam San Ġorġ tal-kejl ta' 724m.k.	Micallef Margaret		341/17 Gozo
Ir-Rabat, Għawdex	*1/36 undivided share of land 'Ta' Xkora' in Triq Qasam San Ġorġ covering an area of 724s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ir-Rabat, Għawdex	Art Ta' Mliet u in parti *part transmission* ta' property 11000752	Micallef Margaret		347/17 Gozo
Ir-Rabat, Għawdex	*Land Ta' Mliet and in part part transmission of property 11000752*	*Micallef Margaret*		
San Lawrenz	Art Tad-Debba u in parti *part transfer* ta' proprjetà 54000951	Grima Louis et		257/17 Gozo
San Lawrenz	*Land Tad-Debba and in part part transfer of property 54000951*	*Grima Louis et*		
San Lawrenz	Art Tad-Debba u in parti *part transfer* ta' proprjetà 54000951	Grima Louis		258/17 Gozo
San Lawrenz	*Land Tad-Debba and in part part transfer of property 54000951*	*Grima Louis*		
San Lawrenz	Kamra bla numru fil-Qawra kontrada tad-Dwejta	Cauchi Speranza		352/17 Gozo
San Lawrenz	*Room without number in Qawra limits of Dwejra*	*Cauchi Speranza*		
San Lawrenz	Art 'Ta' Taqsis' sive 'Ħabel il-Lazz' tal-kejl ta' 15,016m.k.	Gvern ta' Malta		378/17 Gozo
San Lawrenz	*Land 'Ta' Taqsis' sive 'Ħabel il-Lazz' covering an area of 15,016s.m.*	*Government of Malta*		
San Lawrenz	Withdrawal of LRA 856/08	Grech Josephine et		405/17 Gozo
San Lawrenz	*Withdrawal of LRA 856/08*	*Grech Josephine et*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ta' Sannat	Art 'Raba' tal-Lewż' tal-kejl ta' 2612m.k.	Gvern ta' Malta		263/17 Gozo
Ta' Sannat	*Land 'Raba' tal-Lewż' covering an area of 2612s.m.*	*Government of Malta*		
Ta' Sannat	Withdrawal ta' LRA 1370/12	Portelli Salvatore et		310/17 Gozo
Ta' Sannat	*Withdrawal of LRA 1370/12*	*Portelli Salvatore et*		
Ta' Sannat	1/27 indiviż ta' art 'Tal-Beraq' tal-kejl ta' 1,121.1m.k.	Micallef Margaret		323/17 Gozo
Ta' Sannat	*1/27 undivided share of land 'Tal-Beraq' covering an area of 1,121.1s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Sannat	1/27 indiviż ta' art 'Tal-Qormija' tal-kejl ta' 969.5m.k.	Micallef Margaret		324/17 Gozo
Ta' Sannat	*1/27 undivided share of land 'Tal-Qormija' covering an area of 969.5s.m.*	*Micallef Margaret*		
Ta' Sannat	½ indiviż tal-fond 'God Bless Australia' fi Triq it-28 t' April 1688	Micallef Margaret		348/17 Gozo
Ta' Sannat	*½ undivided share of land "God Bless Australia' in Triq it-28 t'April 1688*	*Micallef Margaret*		
Ix-Xagħra	Dritt ta' kumpess ta' LRA1781/16	Gvern ta' Malta		379/17 Gozo
Ix-Xagħra	*Right of compensation of LRA1781/16*	*Government of Malta*		
Ix-Xagħra	Korrezzjoni ta' proprjetà 63000394	Curmi Joseph et		404/17 Gozo
Ix-Xagħra	*Correction of property 63000394*	*Curmi Joseph et*		
Ix-Xewkija	1/6 indiviż dritt ta' kumpens fuq LRA 1024/09	Gvern ta' Malta		267/17 Gozo
Ix-Xewkija	*1/6 undivided share of right of compensation of LRA 1024/09*	*Government of Malta*		
Ix-Xewkija	Fond Triq l-Arċipriet Ġużepp Grech u in parti *part transfer* ta' proprjetà 65000285	Hili Publius		277/17 Gozo
Ix-Xewkija	*Premises Triq l-Arċipriet Ġużepp Grech and in part part transfer of property 65000285*	*Hili Publius*		
Ix-Xewkija	Fond Triq l-Arċipriet Ġużepp Grech u in parti *part transfer* ta' proprjetà 65000285	Hili Alfred		278/17 Gozo
Ix-Xewkija	*Premises Triq l-Arċipriet Ġużepp Grech and in part part transfer of property 65000285*	*Hili Alfred*		
Ix-Xewkija	½ indiviż ta' art 'Tal-Ġonna' tal-kejl ta' 222m.k.	Zammit Michael et		359/17 Gozo
Ix-Xewkija	*½ undivided share of land 'Tal-Ġonna' covering an area of 222s.m.*	*Zammit Michael et*		
Iż-Żebbuġ	Utile Dominju Temporanju ta' żewġ garaxxijiet nri. 3 u 4 fi Triq id-Duluri, Marsalforn	Sultana Grezzju et		274/17 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Iż-Żebbuġ	*Temporary Direct Dominium of two garges nos. 3 and 4 in Triq id-Duluri, Marsalforn*	*Sultana Grezzju et*		
Iż-Żebbuġ	1/12 indiviż tal-Utile Dominju ta' art 'Ta' Kuljat' tal-kejl ta' 6156m.k.	Spencer Albert Lupi et		294/17 Gozo
Iż-Żebbuġ	*1/12 undivided share of Utile Dominju of land 'Ta' Kuljat' covering an area of 6156s.m.*	*Spencer Albert Lupi et*		

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, l-Amministrazzjoni, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Dr Marlin Vella, LLD
għar-Reġistratur tal-Artijiet

It-12 ta' Mejju, 2017

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, The Administration, Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Dr Marlin Vella, LLD
for/Land Registrar

12th May, 2017

Nru. 515

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:*

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
112	The Firs Triq Bullara, Ix-Xagħra, Għawdex	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti *Registration of Rules*	02/03/2017
113	Millenium Block B Triq D. Franġisk Mizzi, Għajnsielem, Għawdex	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti *Registration of Rules*	03/03/2017
114	Millenium Block A Triq D. Franġisk Mizzi, Għajnsielem, Għawdex	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti *Registration of Rules*	03/03/2017
115	Semper Grove Triq il-Qala, Il-Qala, Għawdex	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti *Registration of Rules*	24/03/2017

Dr Marlin Vella, LLD
Għar-Reġistratur tal-Artijiet

It-12 ta' Mejju, 2017

No. 515

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Marlin Vella, LLD
f/Land Registrar

12th May, 2017

Nru. 516

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
12.5.2017	€36.463	€0.513

It-12 ta' Mejju, 2017

No. 516

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

12th May, 2017

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 72

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Mill-Ġimgħa, it-12 ta' Mejju, 2017, sal-Ħadd, l-14 ta' Mejju, 2017, fil-11.30 p.m., mill-parkeġġ tal-*ex-Trade Fair Grounds*.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Mejju, 2017, mis-6.00 a.m. sal-11.30 p.m., minn Triq il-Markiż Scicluna, Pjazza Ċelsi, Triq il-Ġiżwiti kantuniera ma' Triq San Injazju ta' Loyola u Triq it-Torri tal-Kaptan (triq li tagħti għall-parkeġġ tal-*ex-Trade Fair Grounds*).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Mejju, 2017

POLICE NOTICE

No. 72

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commisioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Naxxar

From Friday, 12th May, 2017 till Sunday, 14th May, 2017, at 11.30 p.m., through all ex-trade Fair Grounds parking area.

On Sunday, 14th May, 2017, from 6.00 a.m. till 11.30 p.m., through Triq il-Markiż Scicluna, Pjazza Ċelsi, Triq il-Ġiżwiti corner with Triq San Injazju ta' Loyola and Triq it-Torri tal-Kaptan (road leading to ex-Trade Fair Grounds parking area).

Vehicles found in contravention to the order of this Notice are liable to be towed.

12th May, 2017

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 73

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Birżebbuġa

Nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Mejju, 2017, mit-3.00 p.m. sas-6.00 p.m., minn Dawret il-Qalb Imqaddsa.

Il-Birgu

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Mejju, 2017, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, minn madwar il-Monument tal-Ħelsien, il-*Waterfront* tal-Birgu (mill-arkata sal-pont), mal-moll (qrib il-Forti Sant'Anġlu) u taħt il-Forti Sant'Anġlu.

Ħaż-Żabbar

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Mejju, 2017, mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Bajada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Felice u Triq is-Santwarju.

Ħal Għaxaq

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Mejju, 2017, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq Santa Marija u Triq G. M. Farrugia.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Mejju, 2017, mill-5.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq Santa Marija u Triq G. M. Farrugia.

Iż-Żejtun

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Mejju, 2017, minn nofsinhar 'il quddiem, minn Misraħ Gregorio Bonnici.

Nhar it-Tlieta, is-16 ta' Mejju, 2017, mill-5.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq Madonna Bon Kunsill.

Nhar il-Ġimgħa, is-26 u s-Sibt, 27 ta' Mejju, 2017, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq Santa Katerina, Triq il-Kostituzzjoni and Misraħ Gregorio Bonnici.

Il-Gudja

Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Ġunju, 2017, mit-8.15 a.m. 'il quddiem, minn Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata and Triq Raymond Caruana.

Nhar is-Sibt, is-17 ta' Ġunju, 2017, mis-6.15 p.m. 'il quddiem, minn Pjazza tal-Gudja, Triq G. Cassar, Triq San

POLICE NOTICE

No. 73

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended up to the dates and times indicated.

Birżebbuġa

On Friday, 12th May, 2017, from 3.00 p.m. till 6.00 p.m., through Dawret il-Qalb Imqaddsa.

Birgu

On Saturday, 13th May, 2017, from 5.00 a.m. till midnight, through around Freedom Monument, Vittoriosa Waterfront (from arch to bridge), quayside (close to Fort St Angelo) and beneath Fort St Angelo.

Ħaż-Żabbar

On Saturday, 13th May, 2017, from 5.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq l-Inkurunazzjoni, Triq Bajada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Triq ix-Xgħajra, Triq Felice and Triq is-Santwarju.

Ħal Għaxaq

On Saturday, 13th May, 2017, from 4.00 p.m. onwards, through Triq Santa Marija and Triq G. M. Farrugia.

On Sunday, 14th May, 2017, from 5.00 a.m. onwards, through Triq Santa Marija and Triq G. M. Farrugia.

Żejtun

On Saturday, 13th May, 2017, from noon onwards, through Misraħ Gregorio Bonnici.

On Tuesday, 16th May, 2017 from 5.00 a.m. onwards through Triq Madonna Bon Kunsill.

On Friday, 26th and Saturday, 27th May, 2017, from 3.00 p.m. onwards, through Triq Santa Katerina, Triq il-Kostituzzjoni and Misraħ Gregorio Bonnici.

Gudja

On Sunday, 11th June, 2017, from 8.15 a.m. onwards, through Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata and Triq Raymond Caruana.

On Saturday, 17th June, 2017, from 6.15 p.m. onwards, through Gudja Square, Triq G. Cassar, Triq San Mark, Triq

Mark, Triq iż-Żebbuġa, Triq il-Magħsar, Triq Bir Miftuħ, Triq V. Dimech, Triq William Baker, Triq il-Kappillan, Triq il-Lunzjata and Triq Raymond Caruana.

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Ġunju, 2017, mis-6.15 p.m. 'il quddiem, minn Triq Żebbuġa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Triq il-Kbira, Triq San Ċiru, Triq Bettina, Triq il-Ħofra, Vjal it-Torri and Triq Raymond Caruana.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Mejju, 2017

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 74

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala *tow zones*, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Mejju, 2017, mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Sciortino, Triq Paris, Triq Frans Sammut, Triq Milanesi, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira u Misraħ San Filep, Triq il-Kbira, Triq Muxi, Triq il-Qolla, Triq Sapiano, Triq il-Ħlewwa, Triq il-Penit, Triq il-Kurkanta, Triq il-Qubbajt, Triq il-Mitħna, Triq Farrugia, Triq Zahra u Triq tal-Grazzja.

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Mejju, 2017, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Vjal il-Ħelsien minn Triq Sciortino sa Triq Aggira.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Mejju, 2017, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl, minn Vjal il-Ħelsien u Triq Sciortino.

Is-Siġġiewi

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Mejju, 2017, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl, u nhar il-Ħadd, l-14 ta' Mejju, 2017, mis-7.00 a.m., sas-1.00 p.m. minn Pjazza San Nikola (ħdejn il-Kunsill Lokali).

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju, 2017, mill-5.00 a.m. sal-11.30 p.m., minn Triq San Bastjan bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Kristofru (u l-parkeġġ ta' quddiem Dar Katalunja).

(Għall-ħruq tan-nar tal-art tal-festa)

iż-Żebbuġa, Triq il-Magħsar, Triq Bir Miftuħ, Triq V. Dimech, Triq William Baker, Triq il-Kappillan, Triq il-Lunzjata and Triq Raymond Caruana.

On Friday, 23rd June, 2017, from 6.15 p.m. onwards, through Triq Żebbuġa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Triq il-Kbira, Triq San Ċiru, Triq Bettina, Triq il-Ħofra, Vjal it-Torri and Triq Raymond Caruana.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

12th May, 2017

POLICE NOTICE

No. 74

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the date and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żebbuġ

On Friday, 12th May, 2017, from 7.30 p.m. till 11.30 p.m. through Triq Sciortino, Triq Paris, Triq Frans Sammut, Triq Milanesi, Triq Luret Vella, Triq l-Isqof, Triq il-Kbira and Misraħ San Filep, Triq Muxi, Triq il-Qolla, Triq Sapiano, Triq il-Ħlewwa, Triq il-Penit, Triq il-Kurkanta, Triq il-Qubbajt, Triq il-Mitħna, Triq Farrugia, Triq Zahra and Triq tal-Grazzja.

On Saturday, 13th May, 2017, from 7.00 a.m. onwards, through Vjal il-Ħelsien from Triq Sciortino to Triq Aggira.

On Sunday, 14th May, 2017, from 7.00 a.m. till midnight, through Vjal il-Ħelsien and Triq Sciortino.

Siġġiewi

On Saturday, 13th May, 2017, from 7.00 a.m. till midnight, and on Sunday, 14th May, 2017, from 7.00 a.m. till 1.00 p.m., through Pjazza San Nikola (near Local Council).

Valletta

On Friday, 19th May, 2017, from 5.00 a.m. till 11.30 p.m., through Triq San Bastjan between Triq l-Arċisqof and Triq San Kristofru (and parking area in front of Dar Katalunja).

(For ground fireworks for the feast)

Nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju 2017, mill-10.30 p.m. sal-11.30 p.m. minn Triq Marsamxett kantuniera ma' Triq San Mark u Triq San Bastjan kantuniera ma' Triq il-Punent.

(L-għeluq tat-toroq isir sakemm jinħaraq in-nar tal-art għall-festa).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Mejju, 2017

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 31 tal-2017

B'Żieda mal-Avviżi Lokali lill-Baħħara Numri 22 u 26 tal-2017 – Rigward l-Irmiġġ Temporanju ta' 6 Gaġeġ tal-Fish Farm fir-Ramla taċ-Ċirkewwa

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li 2 gaġeġ tal-*fish farm*, b'dijametru ta' 50 metru kull wieħed, ġew irmunkati għar-Ramla taċ-Ċirkewwa.

Dawn il-gaġeġ tal-*fish farm* ġew irmiġġati fix-Xlokk tas-6 gaġeġ tal-*fish farm* eżistenti.

It-8 gaġeġ tal-*fish farm* kollha se jitħallew fil-pożizzjoni sat-Tnejn, il-15 ta' Mejju, 2017.

Il-gaġeġ se jkollhom dwal sofor ta' navigazzjoni jitfu u jixegħlu fuq in-naħa ta' barra.

Il-bastimenti u l-għawwiema huma avżati biex jibqgħu 'l bogħod u jżommu distanza sikura mill-gaġeġ.

Il-baħħara għandhom jieħdu nota ta' dan ta' hawn fuq u jbaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa.

Chart affettwata: BA 211, 2537, 2538

It-12 ta' Mejju, 2017

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 32 tal-2017

Vodafone Connect Challenge (Kayak) Għawdex għal Kemmuna – 2017

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta jgħarraf li *Vodafone* se torganizza l-avveniment tal-*Kayak* bejn il-Marina tal-Imġarr, *Breakwater arm* tat-Tramuntana, Għawdex, għall-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien u mbagħad għall-Bajja ta' Santa Marija, Kemmuna, skont iċ-*chart* li

On Friday, 19th May, 2017, from 10.30 p.m. till 11.30 p.m., through Triq Marsamxett corner with Triq San Mark and Triq San Bastjan corner with Triq il-Punent.

(Road closure required for letting off ground fireworks for the feast)

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

12th May, 2017

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 31 of 2017

Further to Local Notice to Mariners Numbers 22 and 26 of 2017 – Regarding the Temporary Mooring of 6 Fish Farm Cages at ir-Ramla taċ-Ċirkewwa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that another 2 fish farm cages with a diameter of 50m each have been towed to ir-Ramla taċ-Ċirkewwa.

These fish farm cages have been moored South East of the existing 6 fish farm cages.

All 8 fish farm cages will be left in position until Monday 15th May, 2017.

The cages will have navigation lights flashing yellow on the outer side.

All vessels and bathers are warned to keep well clear and maintain a safe distance from the cages.

Mariners are to note the above and navigate with caution and slow speed.

Chart Affected: BA 211, 2537, 2538

12th May, 2017

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 32 of 2017

Vodafone Connect Challenge (Kayak) Gozo to Comino – 2017

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that Vodafone will be organising a Kayak event between Mġarr Marina, North Breakwater arm, Gozo, to Ħondoq ir-Rummien Bay, Gozo and then to Santa Marija Bay, Comino, as per chart that can be found on Transport

tinsab fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt). Dan l-avveniment se jsir nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju, 2017 bejn il-11.00 a.m. u s-30 p.m.

Il-parteċipanti se jitilqu fil-11.00 a.m. minn Għawdex fil-Marina tal-Imġarr, *Breakwater arm* tat-Tramuntana, għal Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, u mbagħad għall-Bajja ta' Santa Marija, Kemmuna.

Il-parteċipanti mbagħad se jmorru lura għall-Marina tal-Imġarr bl-użu tal-istess rotta kif indikat fuq iċ-*chart* li tinsab fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt) għal ħabta tas-1.30 p.m. jekk jippermetti t-temp.

Bastimenti ta' appoġġ se jakkumpanjaw lill-*kayakers* parteċipanti.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jbaħħru bil-mod u b'veloċità baxxa, u jżommu 'l bogħod miż-żona biex jħallu l-wisa' lill-parteċipanti fid-data u l-ħin stipulati. Huma għandhom jobdu struzzjonijiet maħruġa mill-*Valletta Port Control* (Valletta VTS) fuq VHF *Channel* 12.

Charts affettwati: BA 211A, 2537 u 2538

It-12 ta' Mejju, 2017

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 26 tal-2017

B'żieda mal Avviż lill-Baħħara Nru. 12 tal-2017
Rigward Korrezzjoni taċ-Chart – Żona tal-Akkwakultura lil hinn mix-Xatt u Waiting Area

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta jgħarraf lill-baħħara li b'żieda għal Avviż lill-Baħħara Nru. 12 tal-2017 rigward korrezzjoni taċ-*chart* – Żona tal-Akkwakultura lil hinn mix-Xatt u *Waiting Area*, l-estensjoni taż-Żona tal-Akkwakultura lil hinn mix-Xatt issa ġiet stabbilita.

Sapport għal barkuni ta' tbaħħir se jitqiegħdu fil-pożizzjonijiet ta' hawn taħt u kif indikat fuq iċ-*chart* li tinsab fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)

Pożizzjoni	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*	*Jixegħlu u jintfew*
A	35° 53'.580	014° 38'.580	Fl(5)Y.10s
B	35° 53'.580	014° 40'.620	Fl(5)Y.10s
C	35° 51'.840	014° 38'.580	Fl.Y.3s
D	35° 51'.840	014° 40'.620	Fl.Y.5s

Malta's website (www.transport.gov.mt). This event will be held on Friday, 19th May, 2017 between 11.00 a.m. and 1.30 p.m.

Participants will depart at 11.00 a.m. from Gozo, inside Mġarr Marina, North Breakwater arm to Ħondoq Ir-Rummien, Gozo, and then towards Santa Marija Bay, Comino.

The participants will then return back to Mġarr Marina using the same route as indicated chart that can be found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt), at approximately 1.30 p.m., weather permitting.

Support vessels will accompany the participating kayakers.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed, and keep well clear of the area during the stipulated date and time giving the participants a wide berth. They are to obey any instructions issued by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12.

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

12th May, 2017

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 26 of 2017

Further to Notice to Mariners No. 12 of 2017
Regarding Chart correction – Offshore Aquaculture Zone and Waiting Area

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, informs mariners that further to Notice to Mariners No. 12 of 2017, regarding chart correction – Offshore Aquaculture Zone and Waiting Area, the extension of the Offshore Aquaculture Zone has now been established.

Aids to navigation buoys will be placed in the following positions and as indicated chart that can be found on Transport Malta's website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*	*Flashing*
A	35° 53'.580	014° 38'.580	Fl(5)Y.10s
B	35° 53'.580	014° 40'.620	Fl(5)Y.10s
C	35° 51'.840	014° 38'.580	Fl.Y.3s
D	35° 51'.840	014° 40'.620	Fl.Y.5s

E	35° 50'.970	014° 38'.580	Fl(5)Y.10s
F	35° 50'.970	014° 40'.620	Fl.(5)Y.10s
G	35° 50'.100	014° 38'.580	Fl(5)Y.10s
H	35° 50'.100	014° 38'.620	Fl(5)Y.10s

Pożizzjonijiet riferuti għal WGS 84 DATUM.

Il-pożizzjoni tal-estensjoni tal-*farm* u l-informazzjoni l-oħra kollha fl-Avviż lill-Baħħara Nru. 12 tal-2017 se tibqa'.

Chart Affettwata: *BA Chart* 194, 2538

It-12 ta' Mejju, 2017

FORZI ARMATI TA' MALTA

Pembroke Ranges – LMD-6

Ngħarrfu ill se jsir taħriġ ta' sparar attiv f'Pembroke Ranges nhar is-Sibt, it-13 ta' Mejju, 2017. Għalhekk LMD-6 se jkun attivat f'din id-data mis-7.00 a.m. to 4.00 p.m.

It-12 ta' Mejju, 2017

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Avviż

B'RIFERENZA għall-avviż maħruġ mill-Kummissjonarji Elettorali fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,776 tal-11 ta' Mejju, 2017, qiegħed b'dan ikun avżat li qed tiġi miżjuda d-Dar tal-Anzjani msemmija hawn taħt bħala Post tal-Votazzjoni:

IN-NAXXAR

* Kamra tal-Votazzjoni Nru. 4901
Simblija Care Home,
Triq il-Forġa.

* Kamra tal-Votazzjoni Mħallta

J. CHURCH
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Triq il-Merkanti,
Il-Belt Valletta.

It-12 ta' Mejju, 2017

E	35° 50'.970	014° 38'.580	Fl.Y.3s
F	35° 50'.970	014° 40'.620	Fl.Y.5s
G	35° 50'.100	014° 38'.580	Fl(5)Y.10s
H	35° 50'.100	014° 38'.620	Fl(5)Y.10s

Positions referred to WGS 84 DATUM

The position of the farm extension and all other information in Notice to Mariners No. 12 of 2017 will remain.

Chart affected: BA chart 194, 2538

12th May, 2017

ARMED FORCES OF MALTA

Pembroke Ranges – LMD-6

It is notified that live firing practice will take place at Pembroke Ranges on Saturday, 13th May, 2017. Therefore LMD-6 will now be activated on the said date from 7.00 a.m. to 4.00 p.m.

12th May, 2017

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

Notice

FURTHER to the notice issued by the Electoral Commissioners in the Government Gazette No. 19,776 of the 11th May, 2017, it is notified that the following Old Peoples' Home is being added to the list of Homes to serve as a Polling Place:

IN-NAXXAR

* Polling Booth No. 4901
Simblija Care Home,
Triq il-Forġa.

* Mixed Polling Booth

J. CHURCH
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
Merchants Street,
Il-Belt Valletta.

12th May, 2017

ID-DIVIŻJONI GĦALL-FONDI U PROGRAMMI,
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-PRESIDENZA UE 2017
U GĦALL-FONDI EWROPEJ
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ
U T-TWETTIQ TAL-MANIFEST
ELETTORALI

Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni – Sejħa għall-Proposti

Preavviż ta' sejħiet għall-proposti li jaqgħu taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014 -2020

Bħala l-Awtorità responsabbli għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020, id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi tgħarraf illi fil-bidu ta' Jannar se tniedi id-disa' sejħa għal proposti ta' proġetti li jaqgħu taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni sal-aħħar ta' Mejju 2017.

Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020 li jippromovi l-effiċjenza fl-immaniġġjar tal-imigrazzjoni se jkompli jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-politika komuni tal-Unjoni dwar l-asil u l-immigrazzjoni.

Is-sejħa għall-proposti ta' proġetti li se tinħareġ hija mmirata lejn l-oġġettivi nazzjonali għall-Asil bil-għan li tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-immigranti filwaqt li tingħata għajnuna materjali u servizzi addizzjonali lill-immigranti kif ukoll għajnuna għar-rinovazzjoni ta' ċentri miftuħa għall-immigranti mmexija minn għaqdiet mhux governattivi. Taħt l-oġġettiv nazzjonali tal-integrazzjoni se jiġu ffinanzjati miżuri li jipprovdu abbiltà lingwistika neċessarja u informazzjoni fuq il-kultura Maltija għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, biex ikunu jistgħu jintegraw aħjar fis-soċjetà tagħna.

B'kollox se jkun hemm disponibbli madwar €2,700,000.00 fondi Ewropej. L-awtorità responsabbli tirriserva d-dritt li tirrevedi din l-allokazzjoni skont il-ħtieġa.

Aktar informazzjoni tinstab fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni tal-Fondi u Programmi:

(https://eufunds.gov.mt/eu/EU%20Funds%20ProgrammesMigration%20Funds/Pages/News-and-Events.aspx).

It-12 ta' Mejju, 2017

FUNDS AND PROGRAMMES DIVISION,
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR THE EU PRESIDENCY 2017
AND EU FUNDS
MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS AND
IMPLEMENTATION OF THE ELECTORAL
MANIFESTO

Asylum, Migration and Integration Fund – Call for Proposals

Pre-announcement for calls for project proposals under the Asylum, Migration and Integration Fund 2014-2020

As the responsible authority for the Asylum, Migration and Integration Fund 2014-2020, the Funds and Programmes Division (MEAIM) would like to pre-announce the launching of the ninth call for project proposals under the Asylum, Migration and Integration Fund by end of May 2017.

The Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF) 2014-2020 promotes the efficient management of migration flows as well as the implementation, strengthening and development of a common Union approach to asylum and immigration.


The call for project proposals will target the National Objective for Asylum and Reception, through the implementation of integration measures meant to assist asylum seekers in their integration in our society, as well as the provision for material aid, support services and assistance in the renovation of open centres run by NGOs. The Call will also target the National Objective for Integration, aimed at providing the necessary linguistic ability and cultural awareness to Third Country Nationals residing in Malta.

A total of €2,700,000.00 in EU funds will be made available. The responsible authority reserves the right to revise the allocation according to the needs identified.

Further information can be viewed on the website of the Funds and Programmes Division:

(https://eufunds.gov.mt/eu/EU%20Funds%20ProgrammesMigration%20Funds/Pages/News-and-Events.aspx).

12th May, 2017



Fond għall-Asil, Migrazzjoni u l-Integrazzjoni
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE: 25% Fondi mill-Benefiċarju
Ġestjoni Sostenibbli ta' Migrazzjoni

Asylum, Migration and Integration Fund
Co-financing rate: 75% EU Fund; 25% Beneficiary's Funds
Sustainable Mangement of Migration Flows



KUNSILL LOKALI ĦAL QORMI

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Att tal-2001 dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ u tal-Liġi Sussidjarja 441.04, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jgħarraf li nhar is-Sibt, it-3 ta' Ġunju, 2017, mhux permess li l-bejjiegħa tal-monti jarmaw il-posti tagħhom fil-monti ta' Ħal Qormi fi Pjazza tal-Granmastru, Pjazza Narbona u Vjal de La Cruz minħabba l-elezzjoni ġenerali.

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jgħarraf ukoll li fl-okkażjoni tat-10K Qormi Road Race, nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Ġunju, 2017, parti minn Triq il-Vitorja (minn Triq Aniċi 'l isfel) bejn is-7.00 a.m. u t-8.00 a.m., u Triq il-Wied mit-8.00 a.m. sal- 11.00 a.m. se jkunu magħluqa għat-traffiku kollu.

Din it-tiġrija tal-atletika se tgħaddi mill-imsemmija toroq: Triq il-Vitorja, Triq San Bastjan, Triq l-20 ta' Jannar, Triq il-Kanun, il-*Bypass* tal-Imrieħel, Triq Ħ'Attard, Triq l-Imdina, Triq il-Ħelsien u Triq il-Wied.

Is-sewwieqa huma mitluba jsuqu b'attenzjoni.

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jgħarraf li s-Sibt, l-10 ta' Ġunju, 2017 mis-2.00 p.m. sa nofsillejl, Triq il-Blata (in-naħa tal-maħżen) se tkun magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja.

Vetturi pparkjati jiġu rmunkati.

It-12 ta' Mejju, 2017

ĦAL QORMI LOCAL COUNCIL

In exercise of the powers conferred by the Trading Licences Act of 2001 and by the Subsidiary Legislation 441.04, the Ħal Qormi Local Council notifies that on Saturday, 3rd June, 2017, hawkers are not allowed to place stalls in the Qormi open-air market at Pjazza tal-Granmastru, Pjazza Narbona and Vjal de La Cruz due to the general election.

Ħal Qormi Local Council also notifies that for the occasion of the 10K Qormi Road Race, on Wednesday, 7th June, 2017, part of Triq il-Vitorja (from Triq Aniċi) from 7.00 a.m. till 8.00 a.m. and Triq il-Wied from 8.00 a.m. till 11.00 a.m. will be closed for traffic.

This athletics race will be in held in these roads: Triq il-Vitorja, Triq San Bastjan, Triq l-20 ta' Jannar, Triq il-Kanun, Mrieħel Bypass, Triq Ħ'Attard, Triq l-Imdina, Triq il-Ħelsien and Triq il-Wied.

Drivers are asked to drive carefully.

Ħal Qormi Local Council notifies that on Saturday, 10th June, 2017 from 2.00 p.m. till midnight in Triq il-Blata (store side) will be closed for traffic and no parking is allowed.

Parked cars will be towed.

12th May, 2017

KUNSILL LOKALI ĦAL QORMI

Permessi tal-Kjoskijiet, Imwejjed u Siġġijiet u *Bars*

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jixtieq jgħarraf li l-permessi tal-kjoskijiet, imwejjed u siġġijiet u *bars* relatati mal-festi ta' San Ġorġ u San Bastjan, se jkunu miftuħin f'dawn il-ġranet:

San Ġorġ:
Mis-6 ta' Ġunju, 2017 sas-16 ta' Gunju, 2017
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mit-3.00 p.m. sat-3.30 p.m.

San Bastjan:
Mis-26 ta' Ġunju, 2017 sas-7 ta' Lulju, 2017
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mit-3.00 p.m. sat-3.30 p.m. (Ġunju)
Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. (Lulju)

It-12 ta' Mejju, 2017

ĦAL QORMI LOCAL COUNCIL

Kiosks, Tables and Chairs and Bars Permits

Ħal Qormi Local Council notifies the public that permits for Kiosks, Tables and Chairs and Bars related to Saint George's and Saint Sebastian's feasts will be open:

Saint George's:
From 6th June, 2017 till 16th June, 2017
From Monday to Friday
From 9.00 a.m. till 1.00 p.m. and from 3.00 p.m. till 3.30 p.m.

Saint Sebastian's:
From 26th June, 2017 till 7th July, 2017
From Monday to Friday
From 9.00 a.m. till 1.00 p.m. and from 3.00 p.m. till 3.30 p.m. (June)
From 9.00 a.m. till 1.00 p.m. (July)

12th May, 2017

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar it-Tnejn, il-15 ta' Mejju, 2017, mis-2.00 p.m. sal-5.00 p.m., Triq Ferdinand se tkun magħluqa għat-traffiku.

It-12 ta' Mejju, 2017

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Biċċerija fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviżi li ġejjin se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju, 2017, għal:

Avviż Nru. MSDEC/AGRIC 298/2016 (Avviż 17/2017). Provvista u installazzjoni ta' sistema tad-dawl bl-LED fuq in-naħa ta' ġewwa fil-Biċċerija.

Avviż Nru. MSDEC/AGRIC 324/2016 (Avviż 18/2017). Xogħlijiet ċivili u xogħlijiet oħra ta' rinnovar fl-inħawi maġenb l-Impjant tat-Tqattigħ u t-Tneħħija tal-Għadam fil-Biċċerija, Il-Marsa, Malta.

Avviż Nru. MSDEC/AGRIC 300/2016 (Avviż 19/2017). Provvista u installazzjoni ta' sistema ta' *compressed air filter-lubricator-regulator (FLR)* matul il-*compressed air network* fil-Biċċerija, Il-Marsa, Malta.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-12 ta' Mejju, 2017

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Direttorat ta' Diversifikazzjoni u Kompetittività fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviżi li ġejjin se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-2 ta' Ġunju, 2017, għal:

*Avviż Nru. MSDEC/AGRIC 190/2013/3 (Avviż 20/2017). Provvista u installazzjoni ta' għamara tal-laboratorju għaċ-Ċentru tar-Riċerka tal-Buskett dwar l-Enoloġija u l-Vitikultura.

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Monday, 15th May, 2017, between 2.00 p.m. and 5.00 p.m., Triq Ferdinand will be closed for traffic.

12th May, 2017

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Public Abattoir Operations Department within the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notices will be received on the day and time indicated below:

Up to 10.00 a.m. of Friday, 19th May, 2017, for:

Advt No. MSDEC/AGRIC 298/2016 (Advt. 17/2017). Supply and installation of an LED lighting system within the internal areas at the Public Abattoir.

Advt No. MSDEC/AGRIC 324/2016 (Advt. 18/2017). Civil and other refurbishment works in an area adjacent to the Cutting and Deboning Plant at the Public Abattoir, Marsa, Malta.

Advt No. MSDEC/AGRIC 300/2016 (Advt. 19/2017). Supply and installation of a compressed air filter-lubricator-regulator (FLR) system along the compressed air network at the Public Abattoir, Marsa, Malta.

Tender documents are free of charge and are to be viewed or downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

12th May, 2017

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Diversification and Competitiveness Directorate within the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change notifies that electronic tenders in respect of the following notices will be received on the day and time indicated below:

Up to 10.00 a.m. of Friday, 2nd June, 2017, for:

*Advt No. MSDEC/AGRIC 190/2013/3 (Advt. 20/2017). Supply and installation of laboratory furniture at Buskett Oenlogy and Viticulture Research Centre.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinkisbu mingħajr ħlas u jistgħu jintwerew jew jitniżżlu u sottomessi BISS mis-sit elettroniku tal-*e-tenders* (http://www.etenders.gov.mt).

It-12 ta' Mejju, 2017

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima jgħarraf illi offerti elettroniċi dwar l-avviż li ġej se jintlaqgħu fid-data u l-ħin indikati hawn isfel:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju, 2017, għal:

EOI 2/2017. Provvediment ta' servizzi minn persuni legali jew naturali biex ikunu osservaturi nazzjonali abbord bastimenti għas-sajd tat-tonn bl-irmonk matul l-Istaġun tat-Tonn 2017, mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

EOI 3/2017. Provvediment ta' servizzi minn persuni legali jew naturali biex jkunu osservaturi nazzjonali abbord bastimenti tas-sajd għat-tonn u l-pixxispad bil-konzijiet matul l-Istaġuni tas-Sajd tat-Tonn 2017, mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, it-2 ta' Ġunju, 2017, għal:

*EOI 4/2017. Provvediment ta' servizzi ta' uffiċjali għas-suq tal-ħut lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Id-dokumenti relevanti jinkisbu mingħajr ħlas mid-Direttorat tal-*Procurement* u l-Provvisti, MSDEC, Uffiċċju Segretarjat Permanenti, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera filjiem tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar sad-data talgħeluq jew jitniżżel mis-sit tal-Ministeru (www.environment.gov.mt).

It-12 ta' Mejju, 2017

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

Id-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali jgħarraf illi kwotazzjonijiet magħluqa se jintlaqgħu fid-Direttorat ta' Diversifikazzjoni u Kompetittività fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima, fis-Sezzjoni tat-Trobbija tal-Annimali fi Blokk 'E', l-Għammieri, Malta, mit-Tnejn, il-15 sa mhux aktar tard

*Advertisement appearing for the first time

Tender documents are free of charge and are to be viewed or downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (http://www.etenders.gov.mt).

12th May, 2017

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Department of Fisheries and Aquaculture within the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change notifies that expressions of interest in respect of the following notices will be received on the date and time indicated below:

Up to 10.00 a.m. of Friday, 19th May, 2017, for:

EOI 2/2017. Provision of services by legal or natural persons for the deployment as national observers on-board bluefin tuna towing vessels during the 2017 Bluefin Tuna Season, by the Department of Fisheries and Aquaculture.

EOI 3/2017. Provision of services by legal or natural persons for the deployment as national observers on-board bluefin tuna and swordfish longline vessels during the 2017 Bluefin Fishing Seasons, by the Department of Fisheries and Aquaculture.

Up to 10.00 a.m. of Friday, 2nd June, 2017, for:

*EOI 4/2017. Provision of services of fish market officers to the Department of Fisheries and Aquaculture.

*Advertisement appearing for the first time

Relevant documents may be obtained free of charge from the Procurement and Supplies Section, MSDEC Permanent Secretariat Offices No. 6 Qormi Road Sta.Venera SVR 1301, on any working day from 8.30 am to 12 noon till closing date or downloaded from the Ministry's website (www.environment.gov.mt).

12th May, 2017

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

The Rural Development Department notifies that sealed quotations will be received at the Ministry for Sustainable Development, the Environment and Climate Change, Diversification and Competiveness Directorate, Block E, Animal Husbandry Section, at the National Research and Development Centre, Government Farm, Għammieri limits of

minn nofsinhar tal-Ġimgħa, id-19 ta' Mejju, 2017, għal kwotazzjoni u l-lottijiet ta' hawn taħt:

Kwot. Nru. AH004/2017. Xiri ta' magħlef għall-Għammieri, Malta, li jikkonsisti fil-lottijiet li ġejjin:

Lott 1. Balal tondi (rombli) tat-tiben tal-qamħ sħiħ nixef (mhux midrus) li jiżnu madwar 140 kilo l-waħda biex jintużaw bħala magħlef.

Lott 2. Balal rettangolari żgħar (balal żgħar) tat-tiben tal-qamħ sħiħ nixef (mhux midrus) li jiżnu madwar 15-20 kilo l-waħda, biex jintużaw bħala magħlef.

Il-magħlef irid ikun skont il-lottijiet ta' hawn taħt u skont li speċifikazzjonijiet mehmuża ma' dan id-dokument u l-prezzijiet għandhom ikunu kwotati fl-iskeda mehmuża. Wieħed jista' jitfa' kwotazzjoni fuq kemm-il lott irid u l-lottijiet se jiġu kkunsidrati separatament.

Dokumenti rilevanti jiġu miksuba b'xejn mid-Direttorat tad-Diversifikazzjoni u Kompetittività, Sezzjoni tat-Trobbija tal-Annimali fi Blokk 'E', l-Għammieri, limiti ta' Ħal Qormi, Malta, f'kull ġurnata tax-xogħol mid-9.00 a.m. sa nofsinhar sad-data tal-għeluq.

Kwotazzjonijiet mitfuħa wara din id-data u ħin, ma jkunux milqugħa.

It-12 ta' Mejju, 2017

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

L-*Executive Chairman*, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, il-15 ta' Mejju, 2017, għal:

Kwot. Nru. WSC/Q//07/2017. Provvista u konsenja ta' *gasket anchor tytons* 80mm għal 300mm għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu minn fuq l-*Electronic Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Ħal Qormi, Malta, from Monday, 15th up to noon of Friday, 19th May, 2017, for:

Quot. No. AH004/2017. Purchase of fodder for the Government Farm at Għammieri, Malta, consisting of the following lots:

Lot 1. Round bales of dry whole wheat straw (not threshed) to be used as fodder of circa 140 kilogrammes each.

Lot 2. Small Rectangular Bales of dry whole wheat straw (not threshed) to be used as fodder of circa 15-20 kilogrammes each.

The quoted fodder must be as specified in the Lots mentioned above and according to the anexed conditions with the application documents. Suppliers can offer quotes on how many lots they wish and lots will be considered separately.

Relevant documents may be obtained free of charge from the Diversification and Competitiveness Directorate, Block E, Animal Husbandry Section, at the National Research and Development Centre, Government Farm, Għammieri limits of Ħal Qormi Malta, on any working day from 9.00 a.m. till noon till closing date.

Late submissions shall not be accepted.

12th May, 2017

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders will be received on the date and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Monday, 15th May, 2017, for:

Quot. No. WSC/Q/07/2017. Supply and delivery of gasket anchor tytons 80mm to 300mm for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

It-12 ta' Mejju, 2017

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA
TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Iċ-*Chairman* Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:

Offerti elettroniċi għal "Provvediment ta' servizzi ta' *Programme Management* – T038/17" jintlaqgħu *online* fuq is-sit (http://www.etenders.gov.mt) mhux aktar tard mill-11.30 a.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) tat-Tnejn, il-15 ta' Mejju, 2017.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq l-*Electronic Public Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt).Għandha ssir reġistrazzjoni sabiex isir użu min dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation* e-ID għal aċċess għal dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Immaniġġjar tal-Kuntratti permezz tat-telefown 2123 4710, jew b'*email* lil (cmd.mita@gov.mt).

It-12 ta' Mejju, 2017

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

12th May, 2017

MALTA INFORMATION
TECHNOLOGY AGENCY

The Executive Chairman of MITA notifies that:


Electronic proposals for "Provision of Programme Management Services - T038/17" are to be submitted online on (http://www.etenders.gov.mt) by not later than 11.30 a.m. (Central European Time) on Monday, 15th May, 2017.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in this call for tenders are urged to take note of the workshops being organized by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

Further information may be obtained from the Contacts Management Department on telephone number 2123 4710 or email (cmd.mita@gov.mt).

12th May, 2017



Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
"It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna"
Proġett jista' jkun parzjalment iffinanzjat mill-Fond Ewropew
għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' kofinanzjament: 80% Fondi mill-UE; 20% Fondi Nazzjonali



Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges"
Project may be part-financed by the European Regional
Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National funds

KUMMISSJONI ELETTORALI

Il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-18 ta' Mejju, 2017 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin jew permezz ta' *email* lil (electoral.office@gov.mt) jew iddepożitati bl-idejn fit-*tender box* fl-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 2000, għal:

Kwot. Nru. 02/2017. Provvista ta' karozzi bix-xufier minn nhar mill-Ġimgħa, it-2 ta' Ġunju, 2017 sat-Tnejn il-5 ta' Ġunju, 2017.

Kwot. Nru. 03/2017. Provvista ta' karozzi bix-xufier minn nhar it-Tnejn, id-29 ta' Mejju sal-Ħamis l-1 ta' Ġunju, 2017.

Kwot. Nru. 04/2017. Għawdex – trasport varju.

Kwot. Nru. 05/2017. Għawdex – trasport varju.

Il-kwotazzjonijiet jistgħu jitniżżlu mis-sit (www.electoral.gov.mt) jew jinġabru mill-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 2000, mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m.

It-12 ta' Mejju, 2017

ELECTORAL COMMISSION

The Electoral Commission notifies that:

Sealed quotations will be received either via email to (electoral.office@gov.mt) or by hand in the tender box at the Electoral Office, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 2000, up to 10.00 a.m. of Thursday, 18th May, 2017, for:

Quot. No. 02/2017. Provision of chauffeur-driven cars from Friday, 2nd June, 2017 up till Monday, 5th June, 2017.

Quot. No. 03/2015. Provision of chauffeur-driven cars from Monday, 29th May, 2017 up till Thursday, 1st June, 2017.

Quot. No. 04/2017. Gozo – various transport.

Quot. No. 05/2017. Gozo – various transport.

Quotations can be either downloaded from the website (www.electoral.gov.mt) or collected from the Electoral Office, Evans Building, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 2000, from 8.00 a.m. to 2.00 p.m.

12th May, 2017

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Direttorat għas-Servizzi Edukattivi

Id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, is-16 ta' Ġunju, 2017, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin u mmarkati "*SMAR/03/2017 – quotation for the rental of school canteen*", fil-kaxxa tal-kwotazzjonijiet f'Sir M.A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, għal:

Kwot. Nru. SMAR/03/2017. Kiri ta' *school canteen*.

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m.

Min hu interessat jista' jattendi u jara l-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

It-12 ta' Mejju, 2017

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Educational Services Directorate

The Directorate for Educational Services, Ministry for Education and Employment notifies that:

Sealed quotations marked "SMAR/03/2017 –quotation for the rental of school canteen" will be deposited in the quotations box at Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 16th June, 2017, for:

Quot. No. SMAR/03/2017. Rental of school canteen.

Relevant documents may be collected from Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo, during office hours from Monday to Friday, between 8.30 a.m. to 12.30 p.m.

Interested parties may attend and witness the opening and scheduling of the offers received on the appointed date and time.

12th May, 2017

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Direttorat għal EkoGħawdex u Żvilupp Reġjonali

Il-Ministeru għal Għawdex jgħarraf li kwotazzjonijiet elettroniċi jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi *online* BISS fuq is-sit (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, is-26 ta' Mejju, 2017, għal:

Kwot. Nru. MGOZ eQ49/2017. *First level control function* (servizzi ta' awditjar) b'konnessjoni ma' *The Shared Knowledge for Energy Renovation in Buildings by Public Administrations Project* (*SHERPA*, ref: 581) fil-Programm *The INTERREG MED PROGRAMME* 2014-2020

Id-dokument tal-kwotazzjoni huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu biss minn fuq l-*Electronic Public Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi interessati li jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għall-offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops* se jsiru simulazzjonijiet sabiex operaturi ekonomiċi jiffamiljarizzaw ruħhom bil-kompilazzjoni u sottomissjoni ta' *tender online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

It-12 ta' Mejju, 2017

TRANSPORT MALTA

Transport Malta tgħarraf li:

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, is-26 ta' Mejju, 2017, kwotazzjonijiet elettroniċi għal:

Kwot. Nru. Kwot025/2017. Twessigħ ta' skal eżistenti fil-Bajja tal-Ġnejna.

Kwot. Nru. Kwot222/2017. Provvista ta' sinjali tat-toroq fiż-żona Ta' Xlokk.

Kwot. Nru. Kwot210/2017. Provvista ta' sinjali tat-toroq fiż-żona Ta' Ħaż-Żabbar.

MINISTRY FOR GOZO

EcoGozo Regional Development Directorate

The Ministry for Gozo notifies that electronic quotations will be received up to the date and time indicated below. Quotations are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9:30 a.m. on Friday, 26th of May, 2017, for:

Quot. No. MGOZ eQ49/2017. First level control Function (audit services) in connection with The Shared Knowledge for Energy Renovation in Buildings by Public Administrations Project (SHERPA, ref: 581) under The INTERREG MED PROGRAMME 2014-2020.

This quotation document is free of charge.

Quotation documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

Economic operators interested in participating in these current calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

12th May, 2017

TRANSPORT MALTA

Transport Malta notifies that:

Electronic quotations will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 26th May, 2017, for:

Quot. No. Quot025/2017. Widening of existing slipway at Ġnejna Bay.

Quot. No. Quot222/2017. Provision of signage in the roads of Ta' Xlokk area.

Quot. No. Quot210/2017. Provision of signage in the roads of Ta' Ħaż-Żabbar area.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, it-30 ta' Mejju, 2017, offerti elettroniċi għal:

Avviż Nru. TM039/2017. Provvista u konsenja ta' *desktop personal computers* effiċjenti fl-użu tal-enerġija, 14" *notebooks, monitors, keyboard* u *computer mouse*.

Kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintefgħu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Għandha ssir reġistrazzjoni sabiex isir użu min dan is-sit. Operaturi Ekonomiċi Maltin jeħtieg ikollhom l-*Organisation e-ID* biex jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi Ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'din is-sejħa għal offerti/kwotazzjonijiet huma mħeġġa jieħdu nota għall-*workshop* organizzat mid-Dipartiment tal-Kuntratti fejn se jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

It-12 ta' Mejju, 2017

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti), fil-Ministeru għas-Saħħa jgħarraf illi:

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, il-25 ta' Mejju, 2017. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFQ 009-6041/17 (CPSU0549/17). *Chrome bottle traps* (Proċedura Aċċellerata)

Dan id-dokument tal-kwotazzjoni huwa mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, l-1 ta' Ġunju, 2017. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 020-6350/17. *Mycology disposables, susceptibility, crypococcal antigen and glabrata rtt kits*.
CFT 020-6349/17. *Fish probes leukaemia*
CFT 020-6346/17. *18G epidural minipack*
CFT 020-6343/17. *Xylene*
CFT 020-6342/17. *Disposable laparascopic clip applier*
CFT 020-6341/17. *Antimicrobial barrier dressing with polyethylene net coated with nanocrystalline silver, size 5x5cms and 10x 10cms*

Electronic tenders will be received up to 9.30 a.m. of Tuesday, 30th May, 2017, for:

Advt No. TM039/2017. Supply and delivery of energy efficient desktop personal computers, 14" notebooks, monitors, keyboard and computer mouse

Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tenders/quotations are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that Economic Operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

12th May, 2017

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), in the Ministry for Health notifies that:

Electronic quotations in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. on Thursday, 25th May, 2017. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ 009-6041/17 (CPSU0549/17). Chrome bottle traps (Accelarated Procedure)

This quotation document is free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. on Thursday, 1st June, 2017. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 020-6350/17. Mycology disposables, susceptibility, crypococcal antigen and glabrata rtt kits.
CFT 020-6349/17. Fish probes leukaemia
CFT 020-6346/17. 18G Epidural minipack
CFT 020-6343/17. Xylene
CFT 020-6342/17. Disposable laparascopic clip applier
CFT 020-6341/17. Antimicrobial barrier dressing with polyethylene net coated with nanocrystalline silver, size 5x5cms and 10x 10cms

CFT 023-6344/17. *X-Ray irradiation indicator labels*
CFT 021-6348/17. *Aqueous cream*
CFT 021-6347/17. *Pyrazinamide 500mg tablets*
CFT 021-6345/17. *Low protein products*

Dawn id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, it-8 ta' Ġunju, 2017. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFT 009-6040/17. Għaxar (10) *instrument preparation trolleys* għas-CSSD fl-Isptar Mater Dei.

Dan id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, id-9 ta' Ġunju, 2017. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq (www.etenders.gov.mt) għall-:

CFT 008-10115/16. Provvista, konsenja u kkummissjonar ta' żewġ *battery operated four way pallet stackers* li jinkludu ftehim ta' 5 snin għall-manutenzjoni ta' prevenzjoni u rimedju tal-Imħażen tas-CPSU, San Ġwann.

Dan id-dokument tal-offerta huwa mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet/offerti jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System* (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-ID* tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-*FAQ* tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet/offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-12 ta' Mejju, 2017

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (*Procurement* u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi offerta numru:

CFT 019-6013/17. Provvista ta' ġobon frisk imqatta' għad-Dipartiment tas-Saħħa

ġew imħassra.

Il-12 ta' Mejju, 2017

CFT 023-6344/17. X-Ray irradiation indicator labels
CFT 021-6348/17. Aqueous cream
CFT 021-6347/17. Pyrazinamide 500mg tablets
CFT 021-6345/17. Low protein products

These tender documents are free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. on Thursday, 8th June, 2017. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFT 009-6040/17. Qty ten (10) instrument preparation trolleys for the CSSD at Mater Dei Hospital.

This tender document is free of charge.

Electronic tenders in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. on Friday, 9th June, 2017. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 008-10115/16. Supply, delivery and commissioning of qty 2 battery operated four way pallet stackers including a 5 year preventive and remedial maintenance agreement for CPSU, San Ġwann Stores.

This tender document is free of charge.

Quotation/tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of quotations/tender at the times and dates specified above.

12th May, 2017

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that tender number:

CFT 019-6013/17. Supply of fresh sliced cheese for the Health Department

have been cancelled.

12th May, 2017

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO tat-taqsima *Central Procurement and Supplies Unit*, Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru: 1005U17A, 1005U17B, 1005U17C jintlaqgħu sal-11.00 a.m. tat-Tlieta, is-16 ta' Mejju, 2017.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'*email* lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-12 ta' Mejju, 2017

AĠENZIJA IDENTITÀ MALTA

Iċ-*Chairman* Eżekuttiv ta' Identità Malta jgħarraf illi:

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, l-1 ta' Ġunju, 2017, jintlaqgħu offerti permezz tal-e-PPS fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

Avviż Nru. IMA-2017/002. Offerta ta' servizz għall-provvediment ta' poloz tas-sigurtà għas-saħħa għall-Aġenzija Identità Malta.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jitniżżlu mill-e-PPS fuq (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifikazzjoni jew addenda għad-dokument tista' tinstab u titniżżel mill-istess sit elettroniku.

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-12 ta' Mejju, 2017

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Il-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali jgħarraf li qed jirċievi offerti relatati ma' sejħiet għall-espressjoni ta' interess għal kwotazzjonijiet, għal:

Quot. No. KMKA 39/17. Posti waqt l-Għanafest 2017.

Dokumenti tal-kwotazzjoni għandhom jiġu migbura mid-dipartiment mit-Tnejn sal-Ġimgħa sal-4.00 p.m., u wara depożitati fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fl-entratura tal-bini tal-Kunsill Malti għall-Arti, 16, Casa Scaglia, Triq Mikiel Anton Vassalli, Il-Belt Valletta, sa mhux aktar tard mill-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, it-8 ta' Ġunju, 2017.

It-12 ta' Mejju, 2017

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO of the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU Ref. No: 1005U17A, 1005U17B, 1005U17C will be received up to 11.00 a.m. on Tuesday, 16th May, 2017.

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted ONLY via email to (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

12th May, 2017

IDENTITY MALTA AGENCY

The Executive Chairman Identity Malta Agency notifies that:

Tenders will be received through the e-PPS at (www.etenders.gov.mt) up to 9.30 a.m. of Thursday, 1st June, 2017, for:

Advt No. IMA-2017/002. Service tender for the provision of health insurance covers to Identity Malta Agency.

Tender documents are free of charge and can be downloaded from the e-PPS at (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the document will be available to view and download from this same website.

Late submissions will not be considered.

12th May, 2017

THE ARTS COUNCIL MALTA

The Arts Council Malta within the Ministry of Justice, Culture and Local Government notifies that offers are being received in respect of expression of interest for quotations, for:

Quot. No. KMKA 39/17. Stalls during Għanafest 2017.

Documents of quotation should be collected from the department from Monday to Friday till 4.00 pm, and deposited by hand in the tender box at the reception area at the Arts Council Malta, 16, Casa Scaglia, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, by not later than 10.00 a.m. of Thursday, 8th June, 2017.

12th May, 2017

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI,
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Id-Direttur tal-Informazzjoni jgħarraf illi:

Sa nofsinhar tat-Tlieta, is-16 ta' Mejju, 2017, f'dan l-Uffiċċju fi 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:

Kwot. Nru. DOI 01/2017. Kiri ta' *desktops*, *laptops*, *printers, faxes, photocopier* u konfigurazzjoni tal-LAN.

Kiri ta' *desktops*, *laptops*, *printers, faxes, photocopier* – LOT A;

Ammont: Tliet (3) - *Desktops* bl-ispeċifikazzjonijiet minimi msemmija hawn taħt:

Hardware: *Processor* Intel Core i5-2400 CPU, 4GB DDR3 RAM, 500GB *Hard Drive*, *DVD-RW Drive*, *Monitor LED* 19-il pulzier, WiFi 2.4GHz 802.11b/g/n, *Bluetooth* 4.0, *Auto Sensing Ethernet Port* (10/100/1000), *QWERTY Keyboard* u *Mouse*.

Software: Il-*units* kollha għandu jkollhom Microsoft Windows 8.1 *Operating System*, Microsoft Office 2007, *Anti Virus Software* u Photoshop *trial version*.

Nota: Is-*software* kollu jrid ikun aġġornat bl-aħħar Microsoft Security Patches u l-aħħar *antivirus definitions*. Il-fornitur għandu wkoll id-dmir li joħloq *shared environment* (b'sistema ta' *shared folders*) bejn id-*desktops* u l-*laptops* kollha mikrija.

Ammont: Seba' (7) - *Laptops* bl-ispeċifikazzjonijiet minimi msemmija hawn taħt:

Hardware: *Processor* Intel Core i5-3520M (2.90 GHz), 4GB (installat) DDR3 RAM, 500GB *Hard Drive*, *DVD-RW Drive*, qies minimu tal-i*screen* 15.6 pulzieri sa massimu ta' 17-il pulzier; *Graphics Card* 1GB *dedicated video memory*, *slot* tal-*Card Reader*; WiFi 2.4GHz 802.11/b/g/n; *Bluetooth* 4.0; *Auto Sensing Ethernet Port* (10/100/1000).

Software: Il-*units* kollha għandu jkollhom Microsoft Windows 8.1 *Operating System*, Microsoft Office 2007, *Anti Virus Software* u Photoshop *trial version*.

Nota: Is-*software* kollu jrid ikun aġġornat bl-aħħar Microsoft Security Patches u l-aħħar *antivirus definitions*. Il-fornitur għandu wkoll id-dmir li joħloq *shared environment* (b'sistema ta' *shared folders*) bejn id-*desktops* u l-*laptops* kollha mikrija.

Ammont: Żewġ (2) - *Multifunction A4 monochrome laser printers* sabiex jitqabbdu ma' *network* u mal-apparat imsemmi hawn fuq, fl-Uffiċċju tad-DOI fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti fin-Naxxar. Sa 35 ppm u l-magni għandhom jinkludu *document feeder* u jistgħu jagħmlu

DEPARTMENT OF INFORMATION,
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

The Director of Information notifies that:

Sealed quotations will be received at this Office at 3, Castille Place, Valletta up to noon of Tuesday, 16th May, 2017 for:

Quot. No. DOI 01/2017. Desktops, laptops, printers, faxes, photocopier rental and LAN Configuration.

Desktops, laptops, printers, faxes, photocopier rental – LOT A;

Quantity: Three (3) - Desktops with the below minimum specifications having:

Hardware: Processor Intel Core i5-2400 CPU, 4GB DDR3 RAM, 500GB Hard Drive, DVD-RW Drive, 19" LED Monitor; WIFI 2.4GHz 802.11b/g/n; Bluetooth 4.0; Auto Sensing Ethernet Port (10/100/1000); QWERTY Keyboard and Mouse.

Software: All units are to be provided with Microsoft Windows 8.1 Operating System, Microsoft Office 2007 Professional, Anti Virus Software and Photoshop trial version.

Note: All software must be upgraded with the latest Microsoft Security Patches and latest antivirus definitions. The supplier is also responsible to create a shared environment (shared folders) between all the leased desktops and laptops.

Quantity: Seven (7) - Laptop devices with the below minimum specifications having:-

Hardware: Processor Intel Core i5-3520M (2.90 GHz), 4GB (installed) DDR3 RAM, 500GB Hard Drive, DVD-RW Drive, screen size minimum 15.6" to a maximum of 17"; Graphics Card 1GB dedicated video memory; Card Reader slot; WIFI 2.4GHz 802.11b/g/n; Bluetooth 4.0; Auto Sensing Ethernet Port (10/100/1000).

Software: All units are to be provided with Microsoft Windows 8.1 Operating System, Microsoft Office 2007 Professional, Anti Virus Software and Photoshop trial version.

Note: All software must be upgraded with the latest Microsoft Security Patches and latest antivirus definitions. The supplier is also responsible to create a shared environment (shared folders) between all the leased desktops and laptops.

Quantity: Two (2) - Networked A4 multifunction monochrome laser printers installed on the network and configured on the above machines within the DOI Office at the Naxxar Counting Complex. Up to 35 ppm and machines to include document feeder and duplex printing capabilities.

duplex printing. Karti mhux inklużi u jekk ikunu meħtieġa *toners* żejda, dawn jitħallsu b'mod separat.

Ammont: Wieħed (1) - *Networked A3 heavy duty multifunction monochrome laser printer/copier* (minimu 95 to 110 ppm) inkluż *toners* li jagħtu sa 2,000 *print*. Il-magna għandha tinkludu *document feeder* u tista' tagħmel *duplex printing*. Karti mhux inklużi u jekk ikunu meħtieġa *toners* żejda, dawn jitħallsu b'mod separat. Il-printer għandu jiġi installat fuq in-*network* u jaħdem fil-*Front-office* tad-DOI fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti fin-Naxxar. Jista' jkun meħtieġ ukoll li jkun installat MFP fuq xi waħda mill-magni msemmija hawn fuq.

Ammont: Erba' (4) - *Monochrome walk-up laser fax machines*. Minimu ta' 16MB *fax memory*. *Automatic document feeder. Approximate 3 seconds per page transmission speed* u *fax modem speed* ta' 33.6Kbps. 2 fax machines għandhom jkunu installati fis-Sala tal-tal-Għadd tal-Voti u 2 *fax machines* oħra fl-Uffiċċju tad-DOI, iż-żewġ postijiet fil-Kumpless tal-Għadd tal-Voti fin-Naxxar.

Konfigurazzjoni tal-LAN – LOT B;

